**Illum qeghdin hawn, ghaliex dak li qed jigri fuq il-bahar fiz-zona ta' salvatagg Maltija/Ewropeja, MA JIRRIFLETTIEX, it-twemmin u L-valuri Maltin/Ewropej, li ommijietna u missierijietna hallewna.**

**Illum qeghdin hawn, biex min hu bhali, OMM, li trabbejt bil-valuri ta' rispett, ta' l-imhabba u tas-solidarjeta' lejn kull bniedem minghajr pregudizzju, u li nemmen bis-shih, li d-drittijiet tal-bniedem qeghdin hemm verament ghal kulhadd, NURU, li dak li qed isehh mhux isehh f'ismina.**

**Illum qeghdin hawn, biex inharsu lejn wicc din it-tifla, li tirrapprezenta hafna tfal ohra, biex genituri bhali JQEGHDU wicc uliedhom flok taghha, u JSAQSU lilhom infushom: x'jaghmlu jekk uliedhom jkunu fil-periklu? Jaghmlu minn kollox biex jehilsuhom mill-periklu u mill-mewt; kemm jekk minhabba l-gwerra, kemm jekk minhabba l-persekuzzjoni, kemm jekk minhabba kwalunkwe sitwazzjoni ohra?**

**INSAQSI, lil min akkuza lil ommha, x'jaghmel jekk Alla jhares, ikun f'dawn ic-cirkiostanzi iddisprati? Ma jaghmilx minn kollox biex jehles u jsalva lil uliedu mit-tbatija u hruxija?**

**Jien bhala OMM HEKK NAGHMEL.**

**NUZA KULL MEZZ POSSIBLI BIEX INSALVA LIL BINTI**

**INSAQSI, minn meta bdejna naghzlu, bejn dawk li ghandhom igawdu d-drittijiet umani taghhom, u bejn dawk li jidhrilna ghandna incahhduhomlom?**

**Din il-politika zbaljata Ewropeja ma tixraqx il-valuri li fuqha inbiet l-Ewropa.**

**Pajjizna, mill-istorja tieghu dejjem kien ta' sostenn ghal dawk li qed isofru u qed jbatu.**

**X'inbiddel daqshekk?**

**Fejn hija l-qalb Maltija Ii thabbat ghal min ghandu bzonn?**

**Fejn huma l-valuri li tant iddistingwewna minn haddiehor?**

**X'gara?**

**X' qed jigri?**

**Meta nieqfu ghad-drittijiet ta' l-ohrajn, qed nieqfu ghad-drittijiet taghna wkoll.**

**Illum huwa haddiehor, u ghada, min jaf, inkunux ahna, li drittijietna jigu mkassbra u vjolentati, bhalma fuq kollox gieli gralna fl-imghoddi taghna?**

**Ahna fid-dmir li nifhmu x'qed jigri!**

**Huwa fl-interess taghna kollha li nieqfu kontra politika li qed tifred il-bnedmin, u qed ggeghlna niggieldu kontra d-drittijiet ta' bnedmin ohra.**

**Ghaliex hemm minn ghandu l-interess li jifred il-Familja Umana wahda li tghix taht l-istess kappa tax-xemx?**

**U hawn nerga' nistaqsi:**

**Meta l-Ewropa se taqbad il-barri minn qrunu u twettaq dak li xbajna nisimghu minn summit ghal iehor dwar l-immigrazzjoni.**

**L-Ewropa li kkolonizzat u gawdiet mill-gid ta' hafna minn dawn il-pajjizi, ghandha responsabilita', li ta' lanqas tkun il-mezz biex theggeg u tiffacilita' in-negozji Ewropej biex jinvestu onestament f'dawn il-pajjizi halli jinholoq xoghol dinjituz ghaz-zghazagh ta' dawn il-pajjizi.**

**L-Ewropa ghandha r-responsabilita' li tieqaf tesporta l-armi lil dawk il-gvernijiet korrotti, li biex izommu l-poter assolut fuq il-popli taghhom, qed jeqirdu l-hajja dinjituza lil tant u tant tfal, zghazagh u familji.**

**L-Ewropa ghandha dmir li tghin biex jigu zviluppati f'dawn il-pajjiz is-sistemi u r-regolamentazzjoni mehttiega, biex kulhadd ikun jista' jgawdi d-drittijiet li jixirqu u huma dritt ta' kull bniedem.**

**L-Ewropa ghandu jkollha l-vizjoni li taghraf li la tindahal u lanqas timponi sistemi li ghaliha huma addatati izda ghal dawn il-pajjizi ma jreggux fil-kuntest taghhom.**

**Jien m'iniex insemmi l-Ewropa biex niggustifika u nwahhlu kollox fl-Ewropa. Ahna bhala Maltin u l-Gvern u l-Awtoritajiet Maltin kellna d-dmir li nsalvaw lil din it-tifla u lil kull min ikun fil-periklu.**

**Id-diskussjoni ghandha tigi wara li nsalvaw il-hajjiet.**

**Fejn huma l-VALURI ta' solidarjeta' effettiva ma' ghajrna?**

**Illum qeghdin hawn biex insellmu lil din it-tifla, li tirrapprezenta mhux biss il-ftit tfal li nafu x'sar minnhom fuq il-bahar, izda qeghdin hawn biex insellmu lil dawk it-tfal kollha li hajjithom inhasdet qasir il-ghomor, jew ghax maqbuda fil-gwerrer, jew ghax qed ibatu l-guh, jew ghax nieqsa mill-aktar affarijiet u servizzi bazici jew ghax intilfu fil-harba ghal paci u ghal prosperita li kienet tixirqilhom.**

**Din it-tifla ghandha isem.**

**Jisimha Loujin.**